**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 02**

**Data: 26 ta' Lulju 2024**

**Hin: 08.00am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

02.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

02.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

02.5 Korrispondenza u Rapporti;

02.6 Karigi tal-Kunsilliera;

02.7 Lista tal-Progetti u xogholijiet;

02.8 Attivitajiet;

02.9 Jum l-Gharb 2024;

02.10 Materji ohra;

02.11 Skeda ta' Pagamenti;

02.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

Inzammet minuta silenzju b'rispett lejn il-Kunsillier Tonio Mifsud li kien ghadu kemm tilef lil ghaziza ommu.

**02.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

02.1.1 Tonio Mifsud kien bghat messagg fejn talab li jigi skuzat minhabba t-telfa li kien ghadu kemm garrab. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

02.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku ipprezenta d-dekasteri lill-Kunsilliera u gibed l-attenzjoni li dawn huma temporaji u jekk tinhass il-htiega dawn jistghu jinbidlu. Id-dekasteri gew imqassma kif segwenti:

**Sindku David Apap**
1. Amministrazzjoni
2. Ippjanar u Pjan Lokali
3. Relazzjonijiet Internazzjonali
4. Innovazzjoni
5. Infrastruttura Urbana u Rurali
6. Progetti Kapitali
7. Tfal u Zghazagh
8. Childcare centre
9. Ghaqdiet Lokali
10. Wirt Storiku
11. Turizmu
12. EU Funding
13. Kultura/Attivitajiet
14. Agrikultura/Family Farming Project
15. Muzew Virtwali Lokali
16. Progett Cat Sanctuary

**Vici Sindku Louis Apap**
1. Jassisti lis-Sindku fid-dikasteri tieghu kollha

2. Familji
3. Sports
4. Accessibilita
5. Ambjent
6. Sostitut Kunsill Regjonali

**Kunsillier Tonio Mifsud**
1. Traffic Management
2. Moniteragg u manutenzjoni tat-tabelli
3. Tibdil fil-klima
4. Jassisti lis-Sindku Progett Cat Sanctuary
5. Jassisti lis-Sindku Muzew Virtwali Lokali

**Kunsillier Dr. Lisa Marie Brooke**
1. Responsabbli mill-programm elettorali
2. Pjan u prezentazzjoni ta' Bye-Laws
3. Anzjani/Day Centre
4. Sahha
5. Zvilupp Socjali u edukazzjoni
6. Centru Akwatiku u rikreattiv

**Kunsillier Joseph Mizzi**
1. Indafa Pubblika
2. Jassisti fil-preparamenti u prezentazzjoni tal-Bye-Laws
3. Jassisti lis-Sindku fid-dekasteru ta' innovazzjoni
4. Jassisti lil Vici Sindku fid-dekasteri tal-isport
5. Jassisti lis-Sindku fil-progett Family Farming Project

Is-Sindku qal li fejn hemm li jassisti, jista' jkun il-kaz li jmexxihom il-Kunsillier innifsu ukoll. Huwa zied jghid li dawn jistghu jkunu mibdula minn zmien ghal zmien skond il-*performance* ta' kull kunsillier.

02.3.2 Is-Sindku qal li bhala attivitajiet li hemm ippjanati fix-xhur li gejjin hemm is-segwenti:

Jum l-Gharb u l-ftuh ta' ARB Complex. Joseph Mizzi staqsa jekk il-Meeting Hub u c-Centru Civiku huwiex ser isir il-futh taghhom fejn is-Sindku wiegeb li huwa tal-opinjoni li dawn ghandhom jithallew ghax-xhur tax-xitwa. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jithalla ghax-xitwa.

Tkompliet id-diskussjoni dwar ARB Complex fejn gie diskuss dwar il-bzonn li galadarba dan jinfetah iridu jigu impjegati l-persuni sabiex ikun jista' jitmexxa dan il-post. Bhala bookings is-Sindku ssugerixxa sabiex issir Sistema online fejn din ghandha tigi mmanigjata minn persuna wahda. Il-Kunsill qabel li dan huwa l-ahjar soluzzjoni ta' kif jista' jkun hemm booking. Fuq l-impjegati Joseph Mizzi staqsa jekk dawn hux ser ikunu impjegati godda. Il-Kunsill innota li l-ahjar dawn ikunu persuni gejjin mill-iskema pero' huwa importanti li jkunu persuni

responsabbli. Gie innotat li ser ikun hemm bzonn ta' Administrator u tlett persuni ohra li flijmkien iridu jahdmu bhala team. Dawn ghandhom ikunu mghallmin sabiex jiehdu hsieb kemm iz-zona tal-pool kif ukoll l-indoor area. Wiehed mill-haddiema jista' jkunu ta' reliever ghall-Aadministrator f'kaz ta' bzonn. Dr. Lisa Marie Brooke qalet li l-persuni ghandhom ikunu *insured.*

Joseph Mizzi staqsa jekk hemmx xi budget ghal dan fejn is-Sindku qal li dan il-kumpless ser jinahdem sa fejn possibli b'sistema li jkun self sufficient. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi fuq din l-ideja u jibda' jipprepara ghas-sejhiet.

Is-Sindku qal li r-residenti ta' l-Gharb ghandhom jinghataw prijorita' u ghandu jkun hemm ukoll sessjonijiet ghall-anzjani. Ghall-anzjani jista' jkun hemm program ta' darba jew tnejn fil-gimgha. Il-bqija ikun qed jintuza ghall-skop ta' sports li jigi offrut mit-team tal-Otters kif ukoll ghall-hin ta' rilassament ghall-pubbliku.

Tqajjmet diskussjoni ukoll dwar xi hlasijiet ghandhom jigu proposti kif ukoll bhala membership. Il-Vici Sindku staqsa dwar l-ispejjez tal-heating tal-pool fejn is-Sindku qal li l-progett tas-sustainable localities ser ikun qed jghin f'dan ir-rigward u ghall-kumpless in generali.

Dr. Lisa Marie Brooke qalet li tajjeb jekk isir pjan dwar *operating costs* u s-Sindku qal li diga kien sar wiehed pero' dan ser jigi aggornat biex jirrifletti l-ahhar aggornamenti.

Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm membership froma ta' donazzjoni li ivaraw skond il-hin tal-uzu. Gie innotat ukoll li l-anzjani ser ikollhom diffikulta' kif jibbukkjaw u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikollhom ghajnuna mid-Day Centre. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn jista' jigi organizzat lilhom sezzjoni jew tnejn fil-gimgha bhala parti mis-servizzi tad-Day Centre.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu talbiet min individwi sabiex jaghmlu uzu tal-pool ghall-klassijiet tal-ghum u attivitajiet ohra. Il-Kunsill iddiskuta li trid issir kalkulazzjoni ta' kemm persuni jistghu juzaw il-pool biex ikun stabilit il-costing necessarju. Importanti ukoll li l-ghalliem ikollu certifikat u ikun assigurat. Is-Sindku ssugerixxa li ssir *survey* sabiex tingabar informazzjoni fejn min-naha tieghu diga ghandu persuna li tista' tiehu hsieb taghmel dan. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment sabiex isiru s-*survey.*

02.3.3 Dwar jum l-Gharbwara diskussjoni kien hem qbil li issir quddiesa u tqieghid tal-fjuri issiru fid-29 ta' Awwissu. Il-Hadd ta' wara sssir attivita' fil-Pjazza fejn ikun hemm program simili ghas-sena ta' qabel. Ikun hem attivita kulturali fosthom il-programm Cantata u ikel ghal kulhadd. Kien hemm qbil lil George Mizzi u Mario Borg jiehdu hsieb il-preparamenti flimkien mall-arrangament muzikali ta' Mro. Antoine Mercieca.

02.3.4 Is-Sindku qal li bhala attivitajiet ohra qed jissugerixxi li jsiru Karoke Nights fi Pjazzetta l-Isqof Nikol G. Cauchi kull nhar ta' Gimgha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

02.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill gie avvicinat mill-Ministeru ghal Ghawdex dwar attivita' internazzjoni Pop in the City li f'Settembru ser tinzamm Malta ghall-ewwel darba. Huwa spjega li din hija attivita' internazzjonali madwar id-dinja fejn jigu persuni jiehdu sehem f'kompetizzjoni ta' 30 attivita' differenti li ghalihom il-partecipanti jridu jiehu sehem mill-aktar li jistghu. Attivitajiet li gew proposti u li jistghu jsiru min-naha taghna huma kreazzjoni ta' Liedna tal-festa, Guilding jew stained glass min-naha ta' Alvin Pace, loghob tal-brilli u ohrajn simili. Is-Sindku qal li ser tkun qeghda ssir ukoll infiorata gewwa l-Belt Victoria fejn il-partecipanti ser ikunu qeghdin jaghmlu disinn zghir. Kull kompetizzjoni li jippartecipaw fiha tkun ser tiehu mhux aktar minn 10 minuti peress li f'gurnata ta' 8 sieghat iridu jippartecipaw bl-iktar li jistghu. Is-Sindku qal li din l-attivita' ser issir is-Sibt 28 ta' Settembru. F'dan l-istess weekend, is-Sindku qal li ser ikun qed isir festival 'Puppet Show' mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni fejn ghalihom saret applikazzjoni ghall-fondi min-naha tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni kif ukoll min-naha tal-Kunsill. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dan il-weekend ta' attivitajiet bejn is-28 u 29 ta' Settembru u qabel li ghandhom jitellghu dawn iz-zewg festival u jaghti s-sostenn mehtieg.

02.3.7 Attivitajiet ohra li hemm fil-kalendarju kulturali tal-lokalita' huma l-Kite & Wind Festival bejn 19 u 20 ta' Ottubru, Open Air Opera fit-22 ta' Novembru li jsir b'kollaborazzjoni mal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni, fit-23 ta' Novembru jkun hemm Make Music Great u 24 ta' Novembru Herbs Festival. F'Dicembru ser ikun hemm il-Milied fil-Pjazza bejn 13 u 31 ta' Dicembru u Dreams of Vienna li ser isir jew 27 jew 29 ta' Dicembru, 2024.

## 02.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

02.4.1 Gew trattati zewg mistqosijiet minghand il-Kunsill Joseph Mizzi kif segwenti:

Mistoqsija nru 1 – 'Nixtieq nistaqsi jekk il-granet tal-ftuh tal-Librerija lokali ivarjawx matul il-granet tas-sajf, peress li kienet zdiedet gurnata extra wara nofsinhar (Thursday)

Is-Sindku wiegeb li il-Librerija qed tinfetah filghodu nhar ta' Tlieta, l-Hamis u s-Sibt.

Mistoqsija nru 2 – 'Nistaqsi kemm tqassmu sigar mill-iskema "addotta sigra" li nieda l-Kunsill Lokali, jekk ghandhiex miftuha u jekk 'l quddiem hux previst li terga ssir".

Is-Sindku wiegeb li din l-iskema ghalqet u li ha johrog avviz li min ghandu vouchers irid isarrafhom sa' l-ahhar ta' Lulju ghax wara mhux ser jibqghu validi.

Mistoqsija nru 3 – 'Inressaq talba minghand familja dwar jekk il-Kunsill jistghax jirrevedi u jirranga s-sistema tal-parking fi Sqaq Papa Klement XIV peress li s-sqaq ma jinfed ghal imkien. Jekk huwa possibli, l-Kunsill jaghmel survey biex jihu feedback minghand ir-residenti tas-sqaq stess, fejn familja qed titlob li jitnehha l-parking riservat tal-Ex-Magistrat Dr P Coppini mis-sqaq u minflok jizdiedu parking spaces normali (filwaqt reserved parking tal-Ex-Magistrat isir fi Triq Frenc tal-Gharb).

Is-Sindku qal li l-parking tal-Magistrat kien sar fi Sqaq Papa Klement XIV peress li Triq Frenc ta' l-Gharb tista' tkun maghluqa u jitnehha il-parkegg minhabba xi attivitajiet. Min-naha l-ohra gie innotat li jekk isir traffic management il-parkings jitnaqqsu peress li jsiru l-kaxxi u b'hekk jonqsu li ma tantx huwa vijabbli. Joseph Mizzi staqsa huwiex possibli li jizdied id-double yellow line li hemm ezistenti. Gie spjegat li jekk dan qed jirreferi ghas-sinjali ta' mall-garages u li huma ta' inqas minn metru dawn ghandhom jizdied biss sa metru. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diga pprezenta talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jerga' jsir *repainting* taz-zebgha.

## 02.5 Korrispondenza u Rapporti

02.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar:
PA/02956/24, PA/02994/24, PA/03008/24, PA/03646/24, PA/03730/24 u P A/04689/24.
Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dar tax-xjuh Dr. Claire Bonello kienet qeghda tipprepara Press Release. Ser terga tigi kkuntatjata f'dan ir-rigward.

02.5.2 Giet trattata kwotazzjoni minghand Paul Portelli fir-rigward ta' Streaming tal-laqghat tal-Kunsill peress li dawn ser jibdew isiru fil-sala l-gdida tal-meeting hub u ghaldaqstant trid tigi installata Sistema ta' video u sound. Il-kwotazzjoni li ngabret tilhaq l-ammont ta' €7814.51. Il-Kunsill ra din il-kwotazzjoni u qabel li ghandu jiddiskuti mall-kuntrattur fejn ghandhom jitnaqqsu xi affarijiet biex jinzel il-prezz. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm trahhis jew jinstab mezz kif il-Kunsill jista jixtri minghand zewg fornituri ghandu imexxi.

02.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand NGO Ghawdix fejn il-Kunsill gie mistieden sabiex jinghaqad ma' din l-NGO biex tigi salvagwardjata l-gzira Ghawdxija minn kostruzzjoni eccessiva, hmieg u materji relatati. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu joffri l-appogg tieghu.

02.5.4 Giet trattata CV tas-Sur Perugini fejn dan jista' jinghta il-kariga ta' Ambaxxatur f'isem il-Kunsill Lokali minghajr interessi jew hlasijiet dwar inizjattivi li jistghu jittiehdu fuq diversi oqsma. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jipprovdi dokument ufficjali li jappunta lis-Sur Perugini bhala ambaxxatur.

## 02.6 Karigi tal-Kunsilliera

02.6.1 Il-Karigi tal-Kunsilliera gew diskussi aktar 'il quddiem waqt il-komunikat tas-Sindku.

## 02.7 Lista tal-Progetti u xogholijiet

02.7.1 Is-Sindku spjega l-izviluppi dwar ix-xoghol relatat ma' wicc Triq Tumas Cassar. Huwa qal li kif kien diga diskuss fl-laqghat precedenti ser jinbidel is-servizz tad-drenagg tar-residenti kif ukoll d-drenagg aktar fil-fond madwar 15 'il filata. Is-Sindku spjega li kien iffirmat l-kuntratt mall-Water Services Corporation b' insistenza li x-xoghol ghandu jibda' immedjatament. Il-Vici Sindku staqsa jekk ix-xoghol tal-main tal-ilma kienx lest u s-Sindku kkonferma li tali xoghol kien twettaq fuq genb wiehed tat-triq u li issa ghandu jitkompla x-xoghol fuq il-genb l-iehor. Gie spjegat ukoll li apparti dan ghad trid issir ukoll it-trinka relatata mall-impjant tal-panneli foltovoltajici.

Is-Sindku infroma lil Kunsill li minflok applikazzjoi ITB, il-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn tqabbid mall-grid normali bil-possibilita' li jinstab mezz iehor kif wiehed jibbenifika l-aktar. Il-metodu irid ikun deciz wara rakkomandazzjonijiet li iridu issir mir-REWS lil Enemalta. Dr. Lisa Marie Brooke staqsiet jekk jistax isir xi store tal-energija li tigi ggenerata sabiex tintuza f'kaz ta' bzonn. Is-Sindku qal li din hija possibbilita ohra imma wiehed irid jistudja il-fatibilita' ta din is-sistema. Metodu iehor jista' jkun li l-ewwel jintuza' u jittiehed il-konsum ta' kuljum u wara jinghata lura lil grid ghal uzu generali b'kumpens.

Is-Sindku semma ukoll li meta mar id-dawl kienu ingabu generators sabiex jinxteghlu l-pompi tad-dranag u tal-ilma u li minnhom hadu ikoll residenti li huma imqabda ma' l-istess substations. Peress li ma kull substation hem abbinat numru ta residenti mhux kull residenza fl-kella da nil-beneficju. Dr. Lisa Marie Brooke staqsiet jekk ghal quddiem jistax isir xi haga biex f'sitwazzjonijiet simili ikun hemm *backup*. Is-Sindku qal li gewwa r-rahal hawn hames sub-stations u ser issir ohra f' Triq Felic Grech. Huwa spjega li kull generator jiswa madwar €200,000. Gie diskussa din il-possibilita' u soluzzjonijiet u gie maqbul li l-ahar soluzzjoni hija li f'kazijiet bhal dawn huwa ahjar li tinstab soluzzjonijiet kif jinsab post ghal respite.

02.7.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-program tat-toroq hemm inkluz Triq Albert W. Ketelby. Huwa ssugerixxa li l-ahjar kemm Triq Tumas Cassar kif ukoll Triq Albert W. Ketelby huwa preferibilment li jsiru fis-sajf. Fir-rigward tal-problema ta' ilma wara diversi talbiet lil awtoritajiet li ghad ma rrizulta xejn, huwa ha inizjattiva u avvicina lis-sidien sabiex instab kompromess ma' wiehed mis-sidien tal-ghelieqi biex l-pipijiet jghaddu mill-wicc tal-ghalqa temporanjament. Sid tal-ghalqa accetta dan l-arrangament u ghanda ssir skrittura privata. Galdarba dawn l-ghelieqi jigu ex-propriated jew zviluppati l-problema tigi solvuta.

02.7.3 Saret referenza ghall-progett taht il-Mizura 4.3 fejn gie spjegat li x-xogholijiet fuq it-toroq rurali li huma tal-Perwilin u Dahlet ta' Abdilla inbeda u qed isir dak mehtieg biex jinhelsu.

02.7.4 Gie spjegat li Triq Patri Caruana, ma kienetx inkluza fir-rotta tat-toroq pero' saret applikazzjoni sabiex jinghataw il-fondi mehtiega u din tkun inkluza mat-toroq taz-zona ta' San Pietru. Is-Sindku qal li la darba din it-triq tkun irrangata ssolvi hafna problemi distributorji. Is-Sindku ppropona li hekk kif tkun lesta din it-triq ghandhom isiru arrangamenti biex id-delettanti tal-loghob tal-brilli jkunu jistghu jkunu protetti u tinghalaq it-triq fil-hinijiet li jkunu jipprattikaw din il-loghoba. Il-Kunsill unanimament mall-propost tas-Sindku.

02.7.5 Is-Sindku ssugerixxa li bhala Kunsill ikollna NGO li tissemma Gharb Community Services sabiex taqdi funzjonijiet diversi. Din l-NGO tkun tista tiehu it-tmexxija tac-childcare taht ideja sabiex ikompli jissahah is-servizz u l-istess centru ikun jista' jibbenifika minn ghajnuniet li jinghtaw minn zmien ghal zmien. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-passi mehtiega biex din l-NGO fi hdan il-Kunsill tkun tista' titwettaq u approvat lis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u lil Dr Lisa Marie Brooke sabiex ipoggu fl-amministrattiv ta' din l-NGO.

02.7.6 Is-Sindku aggorna lil Kunsill dwar l-arrangementi l-godda tal-posta fejn qal li l-ufficju tal-posta issa ser ikun jaghmel mall-amministrazzjoni tal-Kunsill bil-Kunsill ikun qed jhallas ghas-somma ta' madwar €5000 fis-sena. Dan il-ftehim ser iwassal sabiex ikunu offruti iktar servizzi u fuq tul ta' aktar granet. Is-Sindku kompla jispjega li f'Kunsilli ohra jezisti servizz ta' sub-post office li huwa mmexxi mill-impjegati tal-istess Kunsill pero' fil-kaz taghna dan huwa impossibli ghax ma jistax jizdied aktar xoghol fuq l-impjegati. Huwa qal li ghal dan ix-xoghol ikun hemm persuna part-time fejn min-naha tal-Maltapost diga kienet inhareg sejha u l-Kunsill inghata l-possibilita' li juza s-servizzi tal-istess persuna li ha tkun diga mghallma min-naha tal-Maltapost. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jmexxi kif issugerit.

02.7.7 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-magna tal-BCRS fejn qal li qed ikun hemm problema. Is-Sindku qal li wara li kien hawn il-qtugh tad-dawl ghamel xi granet ma tahdimx. Huwa qal li qed ikun suggerit li jintuzaw trakkijiet li jigbor il-flixkien u li izuru il-lokalita' biex tissolva l-problema ta' stennija u problemi ohrajn.

02.7.8 Saret referenza ghall-iskema dwar il-Playing Fields fejn gie spjegat li l-Kunsill qed jistenna li jintbghat il-materja minhabba li kien hemm dewmien fis-*shipping*. Joseph Mizzi staqsa dwar il-playing field ta' Birbuba jekk hux ser isir xi haga fejn is-Sindku qal li kieku tajjeb isir xi haga ta' equipment fi Triq Patri Albert Caruana fejn ikun hemm equipment fuq in-naha fejn m'hemmx bini u jkun hemm dawn differenti. Joseph Mizzi qal li jista' jsir anke xi loghob bhal passju u simili. Is-Sindku zied jghid li jista' jipogga anke equipment tal-loghob ta' muzika ghat-tfal zghar. Il-Kunsill qabel unanimament.

02.7.9 Is-Sindku semma l-Bring-in-site ta' Triq il-Vizitazzjoni fejn qal li min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kien ghad ma nstabx post gdid fejn tista' ssir. Ghaldaqstant kien suggerit li dawn ikun installati fit-Triq il-Vizitazzjoni taht l-art u fuq ikun hemm biss *pillars*. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jitlob lill-Perit sabiex jara x'process irid isir biex issir l-applikazzjoni.

02.7.10 Il-Vici Sindku talab sabiex tinhasel il-Pjazza mis-salib 'l isfel, zuntier tal-Knisja fejn ic-Centru. Is-Sindku qal li dan ghadu ma sarx peress li huwa kien l-isptar. Huwa zied jghid li t-toroq ser jitnaddfu u ser jitnaddaf ukoll fejn kien hemm il-Kiosks tal-ikel, Triq Dun Alwig Mizzi.

02.7.11 Il-Vici Sindku qal li fi Triq Felic Grech kien hemm krejn u kien ilha hafna hemm. Is-Sindku qal li huwa diga tkellem ma xi kuntratturi biex jara ta min huma sabiex jitenhha.

02.7.12 Gew diskussi l-latrini pubblici ta' Triq Trux u Triq ta' Pinu fejn il-Kunsill gie infurmat li l-kuntrattur kellu kollox lest biex jibghat kollox. Sadanittant, il-Kunsill iddiskuta l-bzonn li tohrog sejha sabiex il-latrinta ta' Triq Trux isirilha x-xoghol mehtieg biex tehel dik il-gdida. Dwar il-latrinta ta' Triq ta' Pinu, din kif gie diskuss fl-laqghat precedenti din irid isirilha drenagg u d-dawl. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru x-xogholijiet skond il-htiega.

02.7.14 Skema ohra li ghaliha ghandu l-fondi l-Kunsill hija dik dwar Komunitajiet aktar siguri fejn ser jigu installati sistemi ta' CCTV cameras ghal aktar sigurta' madwar il-lokalita'. Din ser tigi diskussa fl-laqgha ohra.

02.7.15 Skema ohra hija dik tal-accessibilita' fejn diga inxtraw boom barriers sabiex dawn ikunu fissi fil-post meta jkun hemm gheluq tat-toroq bhal ma' huma dawk li jaghtu access ghall-pjazza. Dan ser inqas milli jkun hemm barriers provisorju fit-toroq. Ir-residenti ta' dawn it-toroq ser ikollhom access li jifthu f'kaz ta' bzonn u fejn possibli. Dr. Lisa Marie Brooke qalet li tajjeb anke li jkun hemm fi Pjazzetta l-Isqof Nikol G. Cauchi sabiex tinghalaq waqt il-hinijiet li din tkun qed tintuza bhala zona pedonali. Is-Sindku qal li apparti dan ser jehlu ukoll screens biex ir-residenti jkunu infurmati minn qabel meta jkun hemm zoni maghluqa u b'hekk jevita inkonvenzja lir-residenti li jaslu fuq il-post u jkollhom jergghu jduru minhabba eghluq tat-toroq.

02.7.16 Is-Sindku qal li l-programm elettorali kien jinkludi li jsir pjan lokali u ghalhekk huwa ssuggerixxa li jitwaqqaf Kumitat fejn jigu mistiedna residenti li jixtiequ jippartecipaw. Kien hem qbil li ghandu issir formola ta' applikazzjoni u wara issir interview ikunu maghzula dawk li ser ikunu il-persuni maghzula. Zied jghid li l-pjan ghandu jkun kkonsultat mar-residenti u jigu diskussi diversi materji fosthom il-konservazzjoni tal-lokalita'. Huwa spjega li l-ahhar decizjoni tkun tal-Kunsill fejn japprova kull punt waqt laqgha tal-Kunsill.

02.7.17 Is-Sindku qal li bhal ma kien hemm fil-legislaturi precedenti tajjeb li jkun hemm firmatorju iehor f'kaz ta' bzonn sabiex ikunu iffirmati ic-cekkijiet flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Huwa ppropona li tkun Dr. Lisa Marie Brooke. Il-Kunsill qabel unanimament.

02.7.18 Il-Vici Sindku staqsa dwar is-sigra li kellha tehel fejn l-arblu fejn is-Sindku qal li din ghandha ssir xi haga f'Ottubru li huwa z-zmien li jithwallu s-sigar.

**02.8 Attivitajiet**

02.8.1 L-attivitajiet gew diskussi aktar kmieni waqt il-komunikat tas-Sindku.

**02.9 Jum l-Gharb 2024**

02.8.2 Is-Sindku qal li dwar Jum l-Gharb fejn jinkludi premijiet ghandu jigi diskuss waqt laqgha li jmiss tal-Kunsill pero' stieden lill-membri sabiex min ikollu xi nomina jibghata lis-Segretarju Ezekuttiv. Huwa sahaq fuq l-importanza li dawn il-premijiet jinghataw skond il-kriterji u b'certu serjeta' b'mod partikolari Premju Gharb li ghandu jzonn certu livell.

**02.10 Materji ohra**

02.10.1 Joseph Mizzi staqsa jekk it-team tal-futbol huwiex ser isiefer fuq training camp pero' s-Sindku qal li le mhuwiex ser isiefer u s-safra li jmiss ser tkun dik ta' Novembru segwita' b'dik ta' Jannar bhal ma jsir kull sena.

02.10.2 Is-Sindkiu qal li fir-rigward tat-tfal tal-Ukraine dawn ser ikunu madwar 10 fejn ir-Regjun ta' Ghawdex ser ikun qed ihallas tal-flights u l-Kunsili jkunu qed jdawruhom gurnata minn dawk li ser ikunu qeghdin f'Ghawdex.

**02.11 Skeda ta' Pagamenti**

02.11.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**02.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

02.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 22 Awwissu fl-10.00am.

02.12.2 Il-laqgha spiccat fil-11.46am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv